MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

Il-Ħamis, 16 ta' Diċembru, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-09:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

*Kunsill Lokali San Lawrenz*
*22A, Triq id-Duluri*
*San Lawrenz*
*Tel: 21563556*

## 34.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

34.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

34.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 34.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

34.2.1 Is-Sindku fakkar li l-handyman preżenti, Vitor Formosa, wasal biex itemm il-kuntratt tiegħu. Is-Sindku rrikonoxxa u fakkar li Vitor dejjem ħadem għar-raħal b-imħabba kbira u dedikazzjoni u issuġerixxa sabiex tingħatalu rikonoxximent uffiċjali. Il-Kunsill qabel unanimament.

34.2.2 Is-Sindku qal li l-Animal Steward, Mary Louise Cauchi sejra tajjeb ħafna u x-xogħol li jintalab minnha qed tagħmlu.

34.2.3 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid ta' street sweeping u spejga l-iskeda kif ser jitqassam ix-xogħol fir-raħal inkluż it-tbattil tal-bins. Il-Kunsill qabel unanimament.

34.2.4 Is-Sindku qal li Swejjaq (l-attivitá tal-Milied) kien ta' suċċess. Is-Sindku kompla jgħid li l-Pagaent tal-Milied hemm ċans li ma jsirx peress li ġej ħafna ksieħ u hemm ħafna atturi kwarantina. Hu kompla jgħid li għat-tiżjin ta-Christmas tree u l-presepju se jgħinu l-kumitat tal-festa u ssuġerixxa li nagħtuhom €500.00 tas-servizz, filwaqt li l-bqija tat-tiżjin ta' madwar il-Pjazza se jsir mill-kuntrattur Chris Gauci. Il-Kunsill qabel unanimament.

34.2.5 Is-SE fakkret fl-ittra legali li kellha ssir rigward il-periklu fi Triq il-Ġeneral, fejn l-istess ittra ma saritx għaliex kien se jibda l-istess xogħol fuq it-triq. Is-SE saqsiet lill-Kunsill illi peress ix-xogħoljiet tat-triq ma bdewx, u l-periklu għadu hemm, jekk l-istess ittra tintbagħatx jew le. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir.

34.2.6 Is-SE qalet li il-kunsill irċieva korrispondenza rigward l-iskema: SPI SCI 6 2020 - Skema ta' Finanzjament għal Krejazzjoni ta' Spazji Miftuha fic-Centru tal-ibliet u l-Irhula f'Malta u Ghawdex, fejn ġejna infurmati li l-applikazzjoni tagħna ġiet rifjutata.

34.2.7 Is-SE qalet li il-kunsill irċieva korrispondenza rigward l-iskema: SPI SCI 2 2021-Iskema ta' Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex, fejn il-Kunsill ingħata is-somma ta' €27,897.37 (VAT inkluż).

34.2.8 Is-SE qalet li l-Kunsill irċieva email mill-AKL rigward l-health insurance u saqsiet jekk hemm xi ħadd jixtieq iżid xi dipendenti jew jistaqsi dwar l-iskema.

34.2.9 Is-SE qalet li l-Kunsill ġie notifikat mill-qorti li hemm kawża pendenti l-qorti fejn tinkludi lil Road Construction Ltd bħala waħda mill-partiijet, u jekk hemm xi invoices li għandhom jitħallsu lill-istess kumpanija, dawn l-istess flus għandhom jittieħdu l-qorti.

34.2.10 Is-SE ressqet il-*leave balance* tal-Assistent Principal fejn talbet sabiex jiġu trasferiti 44 siegħa għas-sena 2022. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 34.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

34.3.1 Il-kunsillier George Camilleri saqsa rigward manutenzjoni fuq bankina ta' resident fi Triq it-Tieqa tad-Dwejra. Is-Sindku nfurmaħ illi din ser ssir ukoll pero irridu nagħtu ftit ċans lill-handy man peress li għandu ħafna xogħol u kienu ġranet b'ħafna xita.

## 34.4 Aċċess minn Triq Wied il-Merill għal Triq Nicholas Monsarrat;

34.4.1 Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' kuntrattur sabiex jara x-xogħoljiet li hemm bżonn isiru. Is-Sindku kompla jgħid li hemm parti dejqa ħafna u hemm bżonn tiġi bħall-parti l-oħra. Is-Sindku saqsa li jekk ikun hemm qbil, isaqsi lis-sid jekk nistgħux nirranġaw il-parti d-dejqa. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 34.5 Ingaġġ ta' Handyman (CIES);

34.5.1 Is-SE ressqet ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni, wara li kienu saru l-intervisti kollha ta' dawk interessati u eliġibli għal-pożizzjoni. Il-bord għażel lill-Stephen Piscopo, hekk kif hu ġab l-iktar punti. Il-Kunsill qabel unanimament mad-deċiżjoni tal-bord u dan għandu jiġi ngaġġjat taħt din l-iskema mal-Kunsill mill-1 ta' Jannar 2022.

## 34.6 Estimi Finanzjarji 2022;

34.6.1 Is-SE infurmat li ser jinħadem ir-rapport annwali u jinħadmu l-estimi finanzjarji mal-accountant tal-Kunsill fil-jiem li ġejjin. Wara li jitlestew dawn id-*drafts* ser jiġi ippreżentat quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 34.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

34.7.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

34.7.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 34.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

34.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:10 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa, 19 ta' Jannar 2022 fit-12:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv